**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Ottubru 2020**

Rikors Numru: 205/20 AL

A B

vs

C B

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet kienu żżewwġu fl-erbgħa (4) t' April tas-sena elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Tonio Cauchi, kif jirriżulta mill-koppja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B';
3. Illi minn tali żwieġ kellhom tlett (3) ulied, illum kollha maġorenni u l' fuq minn tlieta w għoxrin (23) sena;

4. Illi fiċ-ċirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom legalment separati għal dawn l-aħħar tmien snin u kull parti qed ssegwi ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-ġuramentata mill-intimata u li permezz tagħha esponiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' snin issparati u li bejniethom m'hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni;

2. Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi bħala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment u għalhekk m'għandhiex oġġezzjoni għall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

3. Illi finalment l-esponenti topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;

Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Lulju, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkomfermata minnha bil-ġurament;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Jannar 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.